

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Luxembourg](#)

## Suċċessjonijiet

 Lussemburgu

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

*L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)*

### 1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

Meta jinkiteb trasferiment *causa mortis* (*disposition à cause de mort*), ir-regoli li għandhom jiġu osservati jinkludu dawn li ġejjin:

Qabel xejn, it-testatur (*testateur* or *de cuius*) jeħtieġu jkun moħħu f'loku. Il-persuni li jiġu ddikjarati li ma għandhomx kapaċità legali ma jistgħux jagħmlu testment (*testament*). Fil-każ ta' minuri japplikaw regoli speċifiċi. Dawn huma prinċipalment imfassla biex jiproteġu l-assi tal-persuni kkonċernati.

Xi trasferimenti *causa mortis*, bħal testmenti *unica charta* (*testaments conjonctifs*), huma pprojbiti. Dan japplika wkoll għal ftehimiet dwar is-suċċessjoni (*pactes successoraux*).

L-Artikolu 969 tal-[Kodiċi Ċivili](#) (*Code Civil*) jelenka l-forom ta' testmenti li ġejjin previsti mil-liġi tal-Lussemburgu dwar is-suċċessjoni:

- testment olografiku (*testament olographe*);
- testment pubbliku (*testament par acte public* or *testament authentique*);
- testment issiġillat (*testament mystique*).

Il-proċeduri u l-arranġamenti jvarjaw skont it-tip ta' testment li jintgħażel.

#### Testmenti olografiċi

Testment olografiku huwa testment li jinkiteb, jiġi datat u ffirmat kompletament mit-testatur personalment.

It-testmenti olografiċi għandhom il-vantaġġ li huma sempliċi. L-iżvantaġġ tagħhom huwa li jistgħu jinkitbu mit-testatur mingħajr ma ħadd jiġi infurmat li jeżisti t-testment. B'riżultat ta' dan, it-testment jista' ma jinstabx wara l-mewt tat-testatur.

Hemm ukoll riskju li jiġi ffalsifikat jew jinqered. Barra minn hekk, testment olografiku jista' ma jkunx validu jekk ma jkunx jista' jinqara, ikun ambigwu jew mhux sħiħ. F'dak ir-rigward għandu jiġi nnutat li anke data żbaljata fuq testment olografiku tista' tagħmlu null u bla effett. Jista' wkoll jiġi invalidat minħabba difett sostantiv (*vice de fond*).

Għalhekk huwa fl-aħjar interess tat-testatur li jgħarraf li jeżisti t-testment u l-post fejn ikun miżmum u biex jiżgura li t-testment ikun validu.

It-testatur jista' jiżgura li l-eżistenza tat-testment olografiku tkun magħrufa billi jgħid lil persuna li jafda, jew bil-

ħlas ta' tariffa, l-informazzjoni prinċipali fuq it-testment (bħall-isem u l-indirizz tat-testatur u l-post fejn ġie ppreżentat it-testment) tista' tiddaħħal fir-reġistru ċentrali tat-testmenti (*registre central des dispositions de dernières volontés*). Ir-reġistru huwa bażi tad-*data* miżmuma mid-Dipartiment tar-Reġistru tal-Artijiet u tal-Patrimonji (*Administration de l'Enregistrement et des Domaines*) (ara wkoll hawn taħt).

Fir-rigward tal-validità tat-testment, irid jinkiteb kompletament bil-kitba tat-testatur stess u jrid jiġi datat u ffirmat mit-testatur. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa rakkomandat li jintuża espert fil-liġi tas-suċċessjoni, bħal nutar (*notaire*) sabiex jiżgura li t-trasferiment *causa mortis* jibqa' validu mal-mewt.

Testmenti pubbliċi

Testment pubbliku jiġi riċevut minn żewġ nutara jew nutar wieħed assistit minn żewġ xhieda.

Dan għandu vantaġġi konsiderevoli meta mqabbel ma' testment olografiku.

L-ewwel nett, in-nutar li jikteb id-dokument jagħti pariri legali lit-testatur. Dan jiżgura li ma jkun hemm l-ebda difett formali jew sostantiv fl-aħħar testment tat-testatur u li t-testment huwa validu.

It-tieni, peress li testment pubbliku jiġi ppreżentat lil nutar, jibqa' ssiġillat sal-mewt tat-testatur u l-aħħar xewqat tiegħu jsiru magħrufa wara l-mewt tiegħu. F'dak ir-rigward għandu jiġi nnutat ukoll li hija r-responsabbiltà tan-nutar li jikteb it-testment li jdaħħal id-dettalji ewlenin tat-testment li jkun kiteb fir-reġistru tat-testmenti (*registre des dispositions de dernières volontés*).

Testmenti ssiġillati

Testment issiġillat, jew testment sigriet (*testament secret*), huwa dokument miktub mit-testatur jew persuna oħra u ppreżentat magħluq u ssiġillat lil nutar mit-testatur, fil-preżenza ta' żewġ xhieda jew nutar ieħor. In-nutar li jirċievi t-testment issiġillat jikteb konferma fil-forma ta' att pubbliku jew skrittura privata (*acte de suscription en minute ou en brevet*).

In-nutar iżomm it-testment issiġillat, u b'hekk jipprevjeni kwalunkwe riskju ta' sostituzzjoni jew falsifikazzjoni.

B'testment issiġillat, bħal testment pubbliku, huwa possibbli li l-arranġamenti li jkunu saru mit-testatur jinżammu ssiġillati matul ħajtu kollha. Barra minn hekk, peress li t-testment jiġi ppreżentat lil nutar, dan jinstab wara l-mewt tat-testatur.

Il-fatt li n-nutar jikteb konferma meta jirċievi t-testment issiġillat ma jfissirx li t-testment ippreżentat huwa validu. Fil-fatt, anke jekk it-testment issiġillat ikun inkiteb u ġie ppreżentat f'konformità mar-regoli proċedurali rilevanti, xorta' jista' jkun invalidu minħabba difett sostantiv. In-nutar li jikteb it-testment ma jkunx jista' jiżgura li t-trasferimenti *causa mortis* huma validi, peress li t-testment jiġi ppreżentat lil magħluq u ssiġillat.

Il-forma ta' testment issiġillat rament tintuża fil-Lussemburgu.

## 2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

Fil-Lussemburgu, id-dettalji ewlenin ta' xi testmenti jridu jew jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru tat-testmenti (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti). Ir-reġistrazzjoni hija obbligatorja għal testmenti miktubin minn nutar u għal testmenti ssiġillati u olografiċi ppreżentati lil nutar. Din tapplika wkoll jekk tali testmenti jiġu kkanċellati, irrevokati jew emendati b'xi mod ieħor. Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-testmenti hija fakultattiva għal testmenti olografiċi li jinżammu minn individwi.

It-testment innifsu u l-kontenut tiegħu ma jinżammux fir-reġistru. Ir-reġistrazzjoni turi biss l-isem u l-kunjom tat-testatur u l-isem tal-konjuġi jekk applikabbli, id-data u l-post tat-twelid tat-testatur, in-numru tal-identità, l-okkupazzjoni, l-indirizz jew il-post ta' residenza, it-tip u d-data tad-dokument li jrid jiġi rreġistrat, l-isem u l-indirizz tan-nutar li fformula d-dokument jew quddiem min tressaq jew, fil-każ ta' testmenti olografiċi, jekk ikun meħtieġ, l-isem u l-indirizz ta' kwalunkwe persuna jew istituzzjoni oħra fdata bit-testment jew il-post fejn jinżamm.

### 3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Skont il-liġi tas-suċċessjoni tal-Lussemburgu, hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-proprjetà tiegħu mal-mewt.

B'mod aktar speċifiku, is-sehem riżervat (*réserve héréditaire*) jipprevjeni lil persuna milli jiddiżereda lil ċerti werrieta legali (*héritiers légaux*) permezz ta' donazzjoni (*donation*) jew trasferiment *causa mortis*.

Fil-liġi tal-Lussemburgu, id-dixxendenti tal-persuna deċeduta (l-ulied, jew it-tfal tal-ulied jekk l-ulied ikunu diġà mietu qabel il-persuna deċeduta fil-ħin tal-mewt) biss huma intitolati għas-sehem riżervat (*part réservataire*).

Is-sehem riżervat huwa nofs l-assi legali tal-patrimonju (*masse successorale légale*) jekk il-persuna deċeduta tħalli warajha wild wieħed, żewġ terzi jekk tħalli warajha żewġ ulied u tliet kwarti jekk tħalli warajha tlett ulied jew aktar.

Is-sehem riżervat jista' jiġi rinunzjat. Ir-rinunzja (*renonciation*) trid issir espliċitament fil-forma ta' dikjarazzjoni fir-reġistru tal-qorti (*greffe du tribunal*) fil-post fejn tinfetaħ is-suċċessjoni u tiddaħħal f'reġistru speċjali li jinżamm għal dak l-iskop.

### 4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Jekk ma jkunx hemm testment, is-suċċessjoni tiġi rregolata mir-regoli applikabbli tal-liġi.

L-ordni tas-suċċessjoni normalment tkun kif ġej:

- id-dixxendenti (l-ulied, it-tfal tal-ulied);
- il-konjuġi superstitu;
- il-missier u l-omm, flimkien mal-aħwa tal-persuna deċeduta u d-dixxendenti ta' dan tal-aħħar;
- l-axxendenti għajr il-missier u l-omm (in-nanniet, il-bużnanniet, eċċ.);
- il-qraba kollaterali għajr l-aħwa (iz-zijiet, in-neputijiet, eċċ.);
- l-Istat.

Jistgħu jirriżultaw diversi sitwazzjonijiet minn din il-ġerarkija ta' werrieta:

Sitwazzjoni 1: il-persuna deċeduta jkollha konjuġi superstitu u wlied (jew tfal tal-ulied)

Skont il-liġi, il-konjuġi superstitu huwa konjuġi mhux iddivorżjat li fil-konfront tiegħu ma hemm l-ebda digriet ta' separazzjoni finali (*jugement de séparation de corps passé en force de chose jugée*).

Il-patrimonju jinqasam indaqqs bejn ulied il-persuna deċeduta fi proporzjon skont in-numru tagħhom, soġġett għad-drittijiet tal-konjuġi superstitu.

Pereżempju:

Jekk il-persuna deċeduta ħalliet warajha wild wieħed, huwa dak il-wild li jiret il-patrimonju kollu, soġġett għad-drittijiet tal-konjuġi superstitu.

Jekk il-persuna deċeduta ħalliet warajha żewġ ulied, dawk it-tnejn jaqsmu l-patrimonju tal-persuna deċeduta, għal darba oħra soġġett għad-drittijiet tal-konjuġi superstitu.

F'dik is-sitwazzjoni, il-konjuġi superstitu għandu għażla bejn:

- l-użufrutt (*usufruit*) (id-dritt li jgawdi l-użu u l-benefiċċji) tal-fond okkupat konġuntament mill-konjuġi u l-għamara li tinsab fih, bil-kundizzjoni li l-persuna deċeduta kellha l-proprjetà sħiħa tal-fond jew koprorprjetà mas-superstitu, jew
- l-iżgħar sehem leġittimu tal-wild, dment li ma jkunx inqas minn kwart tal-patrimonju.

Il-konjuġi superstiti jingħata 3 xhur u 40 jum mill-mewt biex jeżerċita l-għażla permezz ta' dikjarazzjoni fir-reġistru tal-qorti distrettwali (*tribunal d'arrondissement*) fil-ġuriżdizzjoni li fiha tinfetaħ is-suċċessjoni. Jekk fil-perjodu speċifikat ma ssir l-ebda għażla, il-konjuġi superstiti jitqies li għażel l-użufrutt.

Jekk il-konjuġi superstiti jagħżel is-sehem ta' wild, l-ishma tal-ulied jitnaqqsu b'mod proporzjonali, sal-grad meħtieġ biex jiġi kkostitwit is-sehem tal-konjuġi superstiti.

X'jiġri jekk wieħed mill-ulied tal-persuna deċeduta jkun miet qablu iżda jkun ħalla tfal warajh?

F'dak il-każ, tapplika r-rappreżentazzjoni (*représentation*). It-tifel/tifla jew tfal tal-wild li jkun miet qabel (jiġifieri tfal ta' wlied il-persuna deċeduta) imbagħad jaqsmu s-sehem riżervat ta' missierhom jew ommhom bejniethom.

Fi kliem ieħor, flimkien jirċievu s-sehem li kien imiss lil dik il-persuna li kieku ma mititx qabel il-persuna deċeduta.

X'jiġri jekk il-konjuġi superstiti jerġa' jiżżewweġ wara li jagħżel l-użufrutt tad-dar konġunta?

F'dak il-każ, l-ulied, jew it-tfal tal-ulied meta wieħed mill-ulied ikun miet qabel il-persuna deċeduta, jistgħu jilħqu ftehim konġunt biex l-użufrutt jinqueleb f'kapital.

Il-kapital irid ikun daqs il-valur tal-użufrutt, li fost affarijiet oħra jiddependi mill-età tal-benefiċjarju tal-użufrutt.

Ir-rikors għall-konverżjoni jrid isir fil-qorti fi żmien 6 xhur miż-żwieġ mill-ġdid tal-konjuġi superstiti u jrid isir mill-ulied kollha, jew mit-tfal tal-ulied meta wieħed mill-ulied ikun miet qabel il-persuna deċeduta.

Jekk mhux l-ulied kollha jkunu qablu li jressqu rikors għall-konverżjoni f'kapital (*conversion en capital*), id-deċiżjoni tittieħed fid-diskrezzjoni tal-qorti.

Sitwazzjoni 2: il-persuna deċeduta jkollha konjuġi superstiti iżda l-ebda wild

Jekk il-persuna deċeduta ma talli warajha l-ebda wild jew dixxendenti tal-ulied, il-konjuġi superstiti jieħu preċedenza fuq il-qraba l-oħra kollha tal-konjuġi deċedut tagħhom u għaldaqstant jirċievi l-patrimonju kollu tal-persuna deċeduta, irrispettivament minn jekk il-konjuġi superstiti jerġax jiżżewweġ sussegwentement.

Madankollu, il-konjuġi superstiti ma humiex werrieta ta' sehem riżervat (*héritiers réservataires*). Għalhekk, għall-kuntrarju tal-ulied tal-persuna deċeduta, ma humiex persuni intitolati għal sehem riżervat. Fi kliem ieħor, jekk il-persuna deċeduta ma jkollha l-ebda wild, il-konjuġi superstiti jista' teoretikament jiġi eskluż mill-patrimonju tal-konjuġi jew b'donazzjoni jew inkella b'testment.

Sitwazzjoni 3: il-persuna deċeduta ma jkollha l-ebda wild jew konjuġi iżda tħalli warajha aħwa (jew neputijiet)

F'dik is-sitwazzjoni, trid issir distinzjoni skont jekk il-ġenituri tal-persuna deċeduta għadhomx ħajjin jew le.

Jekk il-ġenituri jkunu għadhom ħajjin, il-missier u l-omm jirċievu kwart tal-patrimonju kull wieħed, jiġifieri, b'kollox nofs.

In-nofs l-ieħor jinqasam bejn l-aħwa jew id-dixxendenti tagħhom.

Jekk il-missier jew l-omm biss jibqgħu ħajjin wara l-persuna deċeduta, huma jirċievu kwart tal-patrimonju, filwaqt li l-aħwa jew id-dixxendenti tagħhom jiġu allokat i t-tliet kwarti l-oħra.

It-tfal tal-aħwa (jiġifieri n-neputijiet tal-persuna deċeduta) jaqsmu bejniethom is-sehem riżervat ta' missierhom jew ommhom b'rappreżentazzjoni (*par représentation*) jekk il-ġenituri tagħhom imutu qabel il-persuna deċeduta.

Hekk, flimkien jirċievu s-sehem li kien imiss lil missierhom u/jew ommhom kieku dawn tal-aħħar baqgħu ħajjin wara l-persuna deċeduta.

Sitwazzjoni 4: il-persuna deċeduta ma jkollha l-ebda wild, konjuġi, aħwa jew neputijiet iżda l-ġenituri tagħha jkunu għadhom ħajjin

F'dik is-sitwazzjoni, il-patrimonju kollu jmur għand missier u omm il-persuna deċeduta li jirċievu nofs kull wieħed.

Jekk jibqa' ħaj wieħed biss mill-missier jew l-omm, dik il-persuna taret il-patrimonju kollu tal-wild tagħha li jkun miet qabilha (*ibidem*).

Sitwazzjoni 5: il-persuna deċeduta ma jkollha l-ebda wild, konjuġi, aħwa jew neputijiet u l-ġenituri u l-axxendenti l-oħrajn tagħha jkunu mejtin

F'dik is-sitwazzjoni, iz-zijiet tal-persuna deċeduta, iz-zijiet tal-ġenituri tagħha, il-kuġini u d-dixxendenti tal-kuġini jitqiesu bħala l-werrieta.

Il-patrimonju jinqasam bejn żewġ linji, il-linja tal-missier u tal-omm, li jirċievu nofs il-patrimonju kull wieħed.

Kwalunkwe werriet lil hinn mit-tfal tal-ulied ta' kuġin jew kuġina, fil-linja tal-omm jew tal-missier, ma jistax jiret. F'dik is-sitwazzjoni, il-patrimonju jsir il-proprjetà tal-Istat, li huwa magħruf bħala wirt battal (*succession en déshérence*).

## 5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

### 5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Il-proċedura tas-suċċessjoni tinfetaħ mill-werriet jew werrieta li, fuq inizjattiva proprja tagħhom, jassenjaw it-tranżazzjonijiet kollha għas-saldu tal-patrimonju lil nutar li jintgħażel minnhom jew li jinħatar mit-testatur.

### 5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

Fil-liġi tal-Lussemburgu ma hemm l-ebda awtorità speċifika nominata għall-aċċettazzjoni ta' suċċessjoni. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi, l-aċċettazzjoni tista' tkun espliċita jew taċita. L-aċċettazzjoni tkun espliċita meta persuna tiegħu t-titlu jew il-kapaċità ta' werrieta permezz ta' att pubbliku jew skrittura privata (*acte authentique ou privé*). L-aċċettazzjoni tkun taċita meta werriet jieħu azzjoni li neċessarjament timplika l-intenzjoni tiegħu li jaċċetta u li jkun intitolat biss li jieħu fil-kapaċità tiegħu bħala werriet.

Skont il-Kodiċi Ċivili, rinunzja ta' suċċessjoni trid issir fir-reġistru tal-qorti tal-prim'istanza (*tribunal de première instance*) fid-distrett fejn isseħħ is-suċċessjoni, f'reġistru speċjali li jinżamm għal dak l-iskop.

Fid-dawl tal-implikazzjonijiet, id-drittijiet u l-obbligi li jistgħu jirriżultaw minn suċċessjoni, huwa rakkomandat li jiġi kkonsultat nutar qabel ma wieħed jaċċetta jew jirrinunzja s-suċċessjoni.

### 5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

Il-Kodiċi Ċivili tal-Lussemburgu ma fih l-ebda regola speċifika dwar dak il-punt u għalhekk il-ġurisprudenza tal-Lussemburgu hija bbażata fuq il-prinċipju li tista' tintuża kwalunkwe proċedura għall-aċċettazzjoni ta' legat (*legs*) (universali, b'titolu ġenerali jew individwali).

L-istess japplika għal rinunzja (*répudiation*) ta' legat individwali (*legs particulier*). B'hekk, fost affarijiet oħra, ir-rinunzja tista' tkun taċita jekk pereżempju l-legatarju (*légataire*) jirrifjuta li jwettaq l-obbligi assoċjati mal-legat.

F'każ ta' rinunzja ta' legat universali (*legs universel*) jew legat b'titolu ġenerali (*legs à titre universel*), xi qrati jirrikjedu konformità mar-regoli formali stabbiliti għal rinunzji tas-suċċessjoni, filwaqt li qrati oħra jsostnu li dawn ir-regoli ma japplikawx.

### 5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Ir-regoli ta' hawn fuq japplikaw għall-aċċettazzjoni ta' sehem riżervat.

Sehem riżervat jista' jiġi rinunzjat biss fir-reġistru tal-qorti tal-prim'istanza fid-distrett li fih tinfetaħ is-suċċessjoni, f'reġistru speċjali li jinżamm għal dak l-iskop.

## 6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi

nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Il-proċedura tas-suċċessjoni tinfetaħ mill-werriet jew werrieta li, fuq inizjattiva proprja tagħhom, jassenjaw it-tranżazzjonijiet kollha għas-saldu tal-patrimonju lil nutar li jintgħażel minnhom jew li jinħatar mit-testatur.

## 7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Fil-mument tal-mewt, l-assi tal-persuna deċeduta jgħaddu direttament għand il-werriet. Madankollu, dan ma jfissirx li l-werrieta huma obbligati li jaċċettaw is-suċċessjoni (ara hawn fuq).

Biex persuna tkun tista' taret, b'mod partikolari jridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin. Il-persuna jeħtiġilha:

- ikollha eżistenza legali fil-mument tal-mewt tat-testatur, jiġifieri tal-anqas tkun ġiet immisla, bil-kundizzjoni li l-wild inkwistjoni jitwieled vijabbli;
- ma tkunx ġiet eskluża bil-liġi, b'mod partikolari fil-każ ta':
  - persuni mingħajr kapaċità legali;
  - tobbja jew kirurgi, professionisti tas-saħħa u spiżjara li jittrattaw persuna matul il-marda li twassal għall-mewt tagħha, jekk matul il-marda jkun sar testment favur tagħhom;
- ma tkunx ġiet eskluża mis-suċċessjoni abbażi ta' skwalifika minħabba mgjiba (*indignité*).

Fir-rigward tal-legat, għandha tiġi segwita l-proċedura għall-ħlas ta' legat (*délivrance de legs*) jew il-proċedura tal-ordni ta' pussess (*envoi en possession*), kif xieraq.

## 8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Iva, jekk il-werrieta jaċċettaw is-suċċessjoni mingħajr kundizzjonijiet.

Madankollu, meta tinfetaħ is-suċċessjoni, il-werrieta jistgħu wkoll jaċċettawha bil-benefiċċju tal-inventarju (*sous bénéfice d'inventaire*).

L-effett tat-tnejn ta' inventarju jagħti lill-werrieta l-vantaġġ li jkunu responsabbli għall-ħlas tad-djun fuq il-patrimonju biss sal-valur tal-assi li jkunu rċevew u jistgħu saħansitra jinħelsu mill-ħlas tad-dejn billi jċedu l-assi kollha fil-wirt tagħhom lill-kredituri (*créanciers*) u l-legatarji.

## 9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

It-testatur huwa liberu li jaħtar kwalunkwe persuna li jagħżel biex teżegwixxi t-testment tiegħu, minbarra minuri.

Ara aktar 'il fuq għar-rwol tal-amministratur tal-patrimonju (*administrateur de succession*).

Skont l-Artikolu 1 tal-liġi emendata tal-25 ta' Settembru 1905 dwar ir-reġistrazzjoni tad-drittijiet *in rem* fil-proprjetà immobbli (*loi modifiée du 25 septembre 1905 sur la transcription des droits réels immobiliers*), it-tranżazzjonijiet kollha *inter vivos* (*actes entre vifs*), kemm jekk isiru bi ħlas kif ukoll jekk le, it-trasferiment tad-drittijiet *in rem* fil-beni immobbli (*droits réels immobiliers*), għajr il-privileġġi (*privilèges*) u l-ipoteki (*hypothèques*), iridu jiġu rreġistrati mar-reġistru tal-ipoteki (*bureau de la conservation des hypothèques*) fil-ġuriżdizzjoni fejn jinsab dak il-ben immobbli. L-Artikolu 2 tal-liġi jipprevedi li jistgħu jiġu rreġistrati biss deċiżjonijiet ġudizzjarji (*décisions judiciaires*), atti pubbliċi u atti amministrattivi (*actes administratifs*).

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Skont il-liġi tas-suċċessjoni tal-Lussemburgu, hemm tliet sitwazzjonijiet possibbli li jinvolvu l-amministrazzjoni tal-

patrimonju:

### 1) Amministrazzjoni ta' wirt battal

F'każijiet ta' wirt battal (*succession vacante*), fuq talba tal-persuni kkonċernati jew meta jsir rikors mill-Prosekutur Pubbliku (*procureur d'Etat*), il-qorti kompetenti tal-prim'istanza taħtar amministratur biex jamministra s-suċċessjoni.

### 2) Atti amministrattivi li permezz tagħhom tiġi aċċettata s-suċċessjoni bil-benefiċċju tal-inventarju

F'dan il-każ partikolari huwa l-werriet benefiċjarju (*héritier bénéficiaire*) li huwa responsabbli biex jamministra l-assi tal-patrimonju. Huwa jrid jagħti rendikont lill-kredituri u lil-legatarji għall-amministrazzjoni.

Skont il-ġurisprudenza tal-Lussemburgu, l-obbligu li jiġu rkuprati d-djun dovuti lis-suċċessjoni huwa, fost l-oħrajn, parti integrali minn dik l-amministrazzjoni.

F'każijiet eċċezzjonali, il-qorti jistgħu jassenjaw l-amministrazzjoni lil terza persuna. Dak ikun possibbli meta, minħabba n-nuqqas tagħhom li jaġixxu, ġestjoni ħażina jew inkompetenza, il-werrieta li jkunu għażlu li jsir inventarju jheddu l-interessi tal-kredituri tal-patrimonju inkwistjoni u jistgħu jippreġudikawhom (il-ġurisprudenza tal-Lussemburgu).

### 3) Atti amministrattivi fil-każ ta' koproprietà tal-patrimonju

Fil-każ ta' koproprietà tal-patrimonju (*indivision d'une succession*), il-president tal-qorti distrettwali kompetenti jista' jaħtar lil kowerriet (*indivisaire*) bħala l-amministratur.

## 9.2 Min huwa intitolat li jeseġwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

It-testatur huwa liberu li jaħtar kwalunkwe persuna li jagħżel biex teżegwixxi t-testment tiegħu, minbarra minuri.

Ara hawn fuq għar-rwol tal-amministratur tal-patrimonju.

## 9.3 X'setgħat għandu amministratur?

Ara hawn fuq.

# 10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

L-affidavit (*acte de notoriété*) miktub minn nutar, li għandu valur probatorju addizzjonali.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

---

L-aħħar aġġornament: 27/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.